**K**UMMISSJONI **N**AZZJONALI **P**ERSUNI B'**D**IZABILITÀ
**N**ATIONAL **C**OMMISSION **P**ERSONS WITH **D**ISABILITY
**M**ALTA
*Ufficju tac-Chairman* *Office of the Chair*

# H A J J A F L I M K I E N F I S - S O C J E T A '

## *Il-Gimgha tal-Persuni b'Dizabilita' 2005*
## *Messagg ghat-Tfal kollha ta' Malta u Ghawdex*

Nhar is-Sibt, 3 ta' Dicembru, hi gurnata importanti fil-kalendarju tal-persuni b'dizabilita' madwar id-dinja kollha ghax jahbat ***il-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Dizabilita'***. Hawn Malta ahna norganizzaw gimgha shiha ta' attivitajiet differenti.

Dawn l-attivitajiet kollha huma mahsuba biex juru l-kapacitajiet tal-persuni b'dizabilita', ix-xewqat taghna u anki l-mod kif ahna nghixu **Hajja Flimkien fis-Socjeta'.** Dan huwa l-islogan li ghazilna ghall-Gimgha tal-Persuni b'Dizabilita' ta' din is-sena. Slogan li se nuzaw biex niftakru li kulhadd jixtieq li l-hajja tieghu tkun mimlija affarijiet sbieh, bhal, hbiberija, divertiment, dahk, u xoghol li jaghtina pjacir ghaliex inkunu nafu li qed naghmlu t-tajjeb.

Ghalhekk inhobbu mmorru l-iskola, ghax minbarra li nitghallmu, ghandna cans nitkellmu u nilaghbu mal-hbieb taghna. Waqt il-loghob inkunu qed nitghallmu nghixu flimkien. Dan naghmluh billi nitghallmu nirrispettaw lil xulxin, nittolleraw in-nuqqasijiet ta' haddiehor, naghrfu li mhux kulhadd l-istess, kulhadd ghandu t-tajjeb u l-hazin tieghu. Irridu nitghallmu nikkooperaw ma' xulxin, nahdmu qisna tim wiehed: kulhadd jghin lil xulxin.

**Hawnhekk tinqara l-istorja ta' Wenzu l-Wizzu**

Anki semplici ghasfur bhall-wizz jaf x'ghandu jaghmel biex jghix Hajja Flimkien fis-Socjeta'. U ahna? Ahna lesti li nghinu lil min forsi mhux b'sahhtu daqsna, ma jismax, jew ma jarax daqsna, jew li forsi mohhu ma jitghallimx ighaggel daqs taghna. Ahna l-persuni b'dizabilita', tfal u kbar, ahna parti mis-socjeta' wkoll u ma rridux li nitwarrbu u nintesew f'xi istitut, 'il boghod mill-familja u l-hbieb li nhobbu.

Bis-sapport taghkom, it-tfal b'dizabilita' kapaci jaslu hafna aktar milli kieku intom ma taghtux kashom. Iva, it-tfal b'dizabilita' ghandhom bzonn is-sapport taghkom, imma ftakru wkoll li t-tfal b'dizabilita' ghandhom kapacitajiet ukoll. It-tfal b'dizabilita' jiehdu pjacir jaghmlu bicca xoghol, jew li

jinghataw postijiet ta' responsabilita'.

Ejja nuzaw il-Gimgha tal-Persuni b'Dizabilita' (27 ta' Novembru - 4 ta' Dicembru) biex niskopru l-kapacitajiet u n-nuqqasijiet taghna stess u ta' xulxin. U ejja naghmlu bhal Wenzu l-Wizzu: nghinu fejn nistghu u naccettaw l-ghajnuna meta jkollna bzonn halli flimkien nghixu Hajja Flimkien fis-Socjeta'.



Joe Camilleri
Chairman

# WENZU L-WIZZU



Wenzu l-Wizzu kien sar ghasfur kbir u sabih, b'sahhtu u kapaci jtir fit-tul. Kien jaf isib x'jiekol wahdu u sahansitra jiehu hsieb il-wizza siehba tieghu u l-frieh taghhom.

Imma minkejja dawn il-kapacitajiet kollha, Wenzu kien jaf li wahdu ma jistax jghix. Ghalhekk il-wizz jahdmu flimkien, specjalment meta jtiru fil-boghod. Dan jaghmluh ghax jafu li meta jkunu parti minn grupp kbir, jkollhom aktar sahha, u kienu jkunu jaslu aktar.

Waqt li kien qed jikber missier Wenzu ghallmu jtir flimkien ma' shabu f'forma ta' 'V' kbira. Tafu ghalfejn il-wizz dejjem itir f'forma ta' 'V'? Ghax meta jcaqalqu gwienhajhom il-wizz ta' quddiem ikun qed jghin il-wizz ta' warajh. Meta l-wizz itir f'forma ta' 'V' flimkien jistghu itiru hafna u hafna aktar 'l boghod (70% aktar) milli kieku jtiru wahedhom!

Darba wahda Wenzu aljena rasu u hareg barra mill-'V'. Malli ma baqax itir ma' shabu, huwa nduna li qed jghejja aktar malajr --- kien se jikkraxxja lejn l-art! Imn'Alla

gie f'mohhu li jerga jidhol fil-grupp u jtir fil-forma ta' 'V'. Kif beda jtir fil-forma tal-'V' ha r-ruh ghax il-forza tal-gwienah tal-wizz shabu bdiet tghinu biex ma jghajjiex.

Wenzu tghallem ukoll li meta x-xoghol ikun iebes, kulhadd irid jaghti sehemu. Missier Wenzu kien l-akbar u l-aktar wizzu b'sahhtu. Ghalhekk, kien itir quddiem nett fil-ponta tal-'V'. Imma meta kien jghejja, kien imur itir wara nett, fejn il-gwienah tal-wizz ta' quddiemu kienu jserrhuh.

Darba wahda kien imiss lil Wenzu jtir quddiem flok missieru! Tghidx kemm hass ruhu kburi meta hares lura u ra l-wizz shabu kollha jtiru warajh! Shabu bdew jghajjtulu b'vuci gholja biex jghamlulu l-kuragg. Ghax hekk jghamlu l-wizz --- biex dak ta' quddiem ma jaqtax qalbu!

